**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 105/12VG**

**XXX**

**Vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Illum 28 ta' Frar 2017**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors [Formula B] ipprezentat mis-socjetà XXXfit-8 ta' Gunju 2011 quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema titlob li jigi dikjarat illi l-kreditu minnha pretiz u reklamat minghand id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud huwa dovut lilha u konsegwentement li tali kreditu, li qed jigi mizmum bla gustifikazzjoni mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ghandu jithallas lilha;

Ra d-dokument ossia Dikjarazzjoni tal-Kont tal-Persuna Registrata datat 16 ta' Dicembru 2010, anness mar-Rikors promotur;

Ra n-Nota tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ipprezentata fl-20 ta' Marzu 2012 permezz ta' liema jikkontendi li s-socjetà Rikorrenti kienet talbet refuzjoni ta' taxxa ghall-ammont totali ta' €27,099.83 fid-denunzji li gew sottomessi fi: (i) 15/07/2001; (ii) 15/10/2001; (iii) 15/01/2002; (iv) 15/04/2002; (v) 15/07/2002; (vi) 15/11/2002; (vii) 15/01/2003; (viii) 15/04/03; (ix) 15/07/2003; (x) 15/10/2003; (xi) 15/04/2004; u (xii) 15/11/2004; (ii) illi t-talba taghha ghar-refuzjoni ta' l-imsemmija taxxa hija preskritta bid-dekors ta' hames snin a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) konsegwentement l-appell in ezami ghandu jigi dikjarat null;

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ipprezentata quddiem dan it-Tribunal fis-26 ta' Gunju 2012 permezz ta' liema fl-ewwel lok jirrileva li t-titolu ta' Kummissarju dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud illum inbidel ghal Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) skond l-Att XXII ta' l-

2011 u għaldaqstant jeħtieġ li ssir il-korrezzjoni opportuna w in kwantu rigwarda t-talba tas-soċjetà Rikorrenti kif avvanzata fir-Rikors promotur, jopponi għall-istess u jitlob li din tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà Rikorrenti, stante li: (a) il-kreditu pretiż mis-soċjetà Rikorrenti huwa preskritt a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jispeċifikax terminu ta' preskrizzjoni għall-aggravju imsemmi mis-soċjetà Rikorrenti u għaldaqstant fin-nuqqas ta' tali terminu ta' preskrizzjoni, għandhom jidħlu in vigore l-artikoli tal-Liġi ġenerali biex jimlew din il-lacuna; (b) fi kwalunkwe każ, ebda kreditu ma huwa dovut lis-soċjetà Rikorrenti stante li din qatt ma kellha attività ekonomika, kif jirriżulta mid-denunzji sottomessi minnha;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) a fol. 33 u 34 tal-proċess;

Sema' x-xhieda ta' Joseph Sammut[1] u ta' Salah Suleiman[2] mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Diċembru 2012 u ra d-dokumenti esebiti minn Joseph Sammut markati Dok. "JS1" a fol. 40 sa' 49 tal-proċess, sema' x-xhieda ta' Roderick Sultana in rappreżentanza tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' April 2013[3];

Ra l-verbal tas-seduta li nżammet quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fl-4 ta' Jannar 2012 u ra d-dokumenti li ġew esebiti waqt l-imsemmija seduta;

Ra d-dokumenti esebiti mis-soċjetà Rikorrenti quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud permezz ta' Nota ppreżentata fit-23 ta' Jannar 2012;

Ra n-Nota ppreżentata mis-soċjetà Rikorrenti quddiem dan it-Tribunal fl-1 ta' Ġunju 2012[4] permezz ta' liema ġġib a konjizzjoni tat-Tribunal illi: (i) fis-16 ta' Marzu 2010 id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) ammetta l-bilanċ pendenti permezz ta' Statement tal-Kont tal-Persuna Reġistrata, kopja annessa ma' l-imsemmija Nota; u (ii) fit-3 ta' Ġunju 2010 hija għamlet talba formali permezz ta' ittra, kopja wkoll annessa man-Nota, liema talba qatt ma ġiet rifjutata jew kontradetta mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud). Tikkontendi li fid-dawl ta' tali fatti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) hija bla bażi;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

[1] Fol. 50 sa' 53 tal-proċess.
[2] Fol. 54 u 55 tal-proċess.
[3] Fol. 57 58 tal-proċess.
[4] Fol. 24 sa' 27 tal-proċess.

Bil-proceduri odjerni istitwiti a tenur ta’ l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta, senjatament a tenur tas-subparagrafu (h) ta’ l-imsemmi artikolu tal-Ligi, is-socjetà Rikorrenti titlob li jigi dikjarat illi r-refuzjoni ta’ taxxa minnha mitluba minghand id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hija dovuta lilha u li ghalhekk tali refuzjoni ta’ taxxa, li qed tigi mizmuma bla gustifikazzjoni mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ghandha tithallas lilha. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jopponi ghat-talba tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda stante li: (i) it-talba ghar-refuzjoni ta’ taxxa hija preskritta bid-dekors ta’ hames snin a tenur ta’ l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta; u (ii) fi kwalunkwe kaz, ebda kreditu ma huwa dovut lis-socjetà Rikorrenti stante li din qatt ma kellha attività ekonomika, kif jirrizulta mid-denunzji sottomessi minnha.

Fid-dawl ta’ l-eccezzjonijiet sollevati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jirrizulta evidenti li l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi trattata hija dik tal-preskrizzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qabel ma jittratta tali kwistjoni però, it-Tribunal se jittratta t-talba tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghall-korrezzjoni fl-okkju ta’ dawn il-proceduri in vista tad-delega tal-funzjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi nascenti mill-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghal fuq id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) in forza ta’ l-Att XXII ta’ l-2011. In verità tali korrezzjoni ma hijiex mehtiega ghas-segwenti zewg ragunijiet: (i) fl-ewwel lok, miz-zmien tal-prezentata tar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fis-26 ta’ Gunju 2012 ‘l hawn, u senjatament b’effett mis-27 ta’ Gunju 2014, il-Kummissarju tat-Taxxi assuma mill-gdid is-setghat nascenti mill-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta precedentement delegati fuq id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud); u (ii) fi kwalunkwe kaz a tenur tar-Regolamenti dwar l-Ekwivalenza ta’ Certi Referenzi ghall-Karigi fid-Dipartimenti tat-Taxxa, Legislazzjoni Sussidjarja 517.01, it-termini Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) huma entrambe ekwivalenti ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi ghat-terminu Kummissarju tat-Taxxi.

Trattata din il-kwistjoni t-Tribunal ser jghaddi biex jittratta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tat-talba tas-socjetà Rikorrenti a tenur ta’ l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fin-Nota pprezentata quddiem il-Bord ta’ l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-20 ta’ Marzu 2012 u mtennija mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fir-Risposta pprezentata quddiem dan it-Tribunal fis-26 ta’ Gunju 2012.

Mill-provi prodotti jirrizulta li b’numru ta’ Denunzji tat-Taxxa sottomessi mis-socjetà Rikorrenti fil-15/07/2001, 15/10/2001, 15/01/2002, 15/04/2002, 15/07/2002, 15/11/2002, 15/01/2003, 15/04/03, 15/07/2003, 15/10/2003, 15/04/2004 u 15/11/2004, l-istess socjetà ghamlet talba ghar-refuzjoni ta’ taxxa ghall-ammont komplessiv ta’ €27,099.83, liema talba sa’ llum ghadha ma gietx milqugha mill-Kummissarju tat-Taxxi. Ghalkemm il-kwistjoni kienet ilha pendenti bejn is-socjetà Rikorrenti u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur

Mizjud ghal diversi snin, l-istess socjetà intavolat il-proceduri odjerni ghall-fini li tistabilixxi b'mod definittiv id-dritt taghha ghal tali refuzjoni ta' taxxa fit-**8 ta' Gunju 2011**. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jikkontendi li l-azzjoni tas-socjetà Rikorrenti ghar-refuzjoni tat-taxxa minnha pretiza hija preskritta bid-dekors ta' hames snin previst fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema terminu ta' zmien huwa applikabbli peress illi l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jipprovdi xejn fir-rigward ta' meta *taxpayer* ghandu jipprocedi gudizzjarjament fil-konfront tal-Kummissarju ghad-determinazzjoni tad-dritt ghar-refuzjoni ta' taxxa fin-nuqqas ta' hlas da parte ta' l-istess Kummissarju.

Minn ezami ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta konfermat dak affermat mill-Kummissarju tat-Taxxi u cioè li *il-Kap. 406 (il-Ligi specjali dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ma tispecifikax terminu ta' preskrizzjoni ghall-aggravju imsemmi mill-appellant, u ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' tali terminu ta' preskrizzjoni, ghandhom jidhlu in vigore l-artikoli tal-Ligi generali biex jimlew din il-lakuna*[5]. Di fatti l-Artikolu 6 tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, kif applikabbli fiz-zmien meta s-socjetà Rikorrenti istitwiet il-proceduri odjerni, li jittratta dwar il-procedura ta' referenza, kien jipprovdi b'mod specifiku dwar terminu ghall-prezentata ta' referenza biss fir-rigward ta' kwistjonijiet mressqa a tenur ta' l-Artikolu 44(k) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia meta *taxpayer* ikun qed jikkontesta l-imposizzjoni fuqu ta' penali amministrattiva, dement li din ma tkunx nascenti minn stima. Mill-bqija l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud huwa ghal kollox sieket dwar terminu ta' prezentata ta' referenza quddiem dan it-Tribunal, u qablu l-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, fir-rigward tal-kwisjonijiet l-ohra kontemplati fl-Artikolu 44 ta' l-imsemmi Att.

B'referenza specifika ghar-refuzjoni ta' kreditu eccessiv lil persuni registrati taht l-Artikolu 10 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, l-uniku terminu ta' zmien hemm previst – u dan kien hekk anke fiz-zmien meta s-socjetà Rikorrenti ressqet il-pretensjonijiet taghha fid-Denunzji tat-Taxxa iktar 'l fuq imsemmija – huwa t-terminu ta' hames xhur mit-tmiem taz-zmien li fih ghandha tintbaghat id-denunzja ta' dak iz-zmien ta' taxxa jew mill-jum li l-imsemmija denunzja tkun intbaghtet lill-Kummissarju, skond liema tkun l-aktar tardiva, entro liema l-Kummissarju ghandu jeffettwa l-hlas tar-refuzjoni.

Huwa fatt indubitat li kwistjonijiet pendenti bejn tnejn min-nies, anke fejn parti minnhom tkun Dipartiment tal-Gvern, ma jistghux jibqghu pendenti *ad infinitum* u dana peress illi dejjem jehtieg li fl-ahhar mill-ahhar ikun hemm certezza tar-rapporti guridici. Huwa ghalhekk li anke fejn jidhlu kwistjonijiet bejn it-*taxpayer* u l-Kummissarju tat-Taxxi kontemplati fl-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta (ad eskluzzjoni tal-kwistjoni kontemplata fis-subparagrafu (k) ta' dak l-artikolu tal-Ligi ghaliex kif osservat f'dan il-kaz il-ligi timponi terminu perentorju entro liema ghandha tittressaq ir-referenza da parte tat-*taxpayer)* ghandu jkun hemm terminu ta' zmien preskrittiv entro liema t-

[5] Para. 4 tar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), fol. 30 tal-process.

*taxpayer* huwa mehtieg li jressaq tali referenza u dana b'rispett lejn il-principju generali li *l-preskrizzjoni hi sostantivament kollokata mal-meritu tat-talba, rikonoxxuta fl-interess pubbliku bl-iskop li jigi eliminat il-kuntrast bejn sitwazzjoni ta' fatt u sitwazzjoni ta' dritt, u rikjesta wkoll mill-esigenza li tigi assikurata certezza fir-rapporti guridici. Hi allura mod ta' estinzjoni tad-drittijiet rikondotta ghall-ideja tar-rinunzja tacita tat-titolari tad-dritt. Li jfisser illi l-Qorti hi fid-dmir li taccerta ruhha jekk il-meritu jinsabx affettwat mill-fatt illi l-pretendent tat-talba kienx jaf bl-istat ta' fatt li kien jintitolah jezercita dritt u hu halla dak l-istat ta' fatt jipprogredixxi minghajr ma agixxa ghad-dritt tieghu, fiz-zmien utli. Cirkostanza din li tincidi fuq il-meritu jekk jinsab illi bl-inazzjoni tieghu huwa gie li rrinunzja ghall-prosegwiment tad-dritt*[6]. Ladarba l-Ligi specjali ma tipprovdi ghal ebda terminu, ghandhom ghalhekk japplikaw it-termini ta' preskrizzjoni kontemplati fil-Ligi generali, ossia fil-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll il-principji guridici li jirregolaw tali istitut.

Ghalkemm l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *l-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin: (f) azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku*, l-Artikolu 2133 u l-Artikolu 2136 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu rispettivament illi: *il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja* u *meta l-preskrizzjoni tigi miksura, iz-zmien li jkun ghadda qabel ma jghoddx ghalbiex wiehed jippreskrivi. Izda, il-preskrizzjoni tista' tibda miexja mill-gdid.*

Huwa principju guridiku assodat fis-sistema guridika nostrali li l-preskrizzjoni hija interotta jew rinunzjata f'kaz li t-terminu jkun lahaq iddekorra, *meta b'certa attitudini tieghu l-konvenut debitur qieghed lilu nnfisu f'sitwazzjoni li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni. F'dan il-kuntest huma annoverati s-sitwazzjonijiet previsti mill-Artikoli 2133 u 2134 tal-Kodici Civili. Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont, l-annotazzjoni tad-debitu f'denunzja tas-successjoni jew f'forma ta' entrata fl-accounts. Jinsab precizat ukoll, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjetà, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocità, dejjem b'mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att*[7].

Hija proprio r-rinunzja ghall-preskrizzjoni li qed tigi invokata mis-socjetà Rikorrenti kontra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-Kummissarju tat-

---

[6] Il-Kontrollur tad-Dwana v. Wallace Fino, Rikors Nru. 1982/96 deciza fit-3 ta' Ottubru 2003.
[7] Austin Psaila v. Lother Slabick, Appell Civli Nru. 544/03 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' Frar 2005.

Taxxa fuq il-Valur Mizjud u dana billi b'mod regolari l-Kummissarju kien qed johrog fir-rigward taghha *Dikjarazzjoni tal-Kont tal-Persuna Registrata/Ledger Statement of Taxpayer's Account* minn liema jirrizulta rikonoxxut a favur taghha *balance to be refunded.* Fir-rigward s-socjetà Rikorrenti esebiet erba' rendikonti tal-Kont taghha mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud minn liema jirrizulta rikonoxxut a favur taghha bilanc ta' kreditu. L-erba' rendikonti in kwistjoni huma rendikont datat **16 ta' Novembru 2004** minn liema jirrizulta kreditu dovut ta' Lm11,633.95[8], rendikont iehor datat **16 ta' Marzu 2010** minn liema jirrizulta kreditu dovut ta' €26,863.25[9], rendikont datat **16 ta' Dicembru 2010** li juri *balance to be refunded as at 16/12/10 - €18,185.25*[10] u rendikont iehor datat **16 ta' Awwissu 2012** (ossia mahrug fil-mori ta' dawn il-proceduri w addirittura wara li d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) rega' tenna l-eccezzjoni l-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta quddiem dan it-Tribunal) li juri *balance to be refunded as at 16/08/2012 - €26,583.25*[11]. Jigi osservat ukoll illi fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-8 ta' April 2013[12], Roderick Sultana, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, iddikjara li *l-kumpanija ghandha kreditu favuriha, jigifieri ghandha ammont ta' flus li qed jidhru a favur il-kumpanija ... mill-informazzjoni li ghandi huwa ta' 26,583.25* u r-raguni li ta ghalfejn tali ammont ma thallasx ma hija bl-ebda mod marbuta mat-trapass ta' zmien izda ma kwistjoni ohra konnessa mal-mertu proprio ta' dawn il-proceduri, liema kwistjoni ser tigi trattata iktar 'l quddiem f'din is-sentenza.

Fil-fehma tat-Tribunal ghalhekk il-hrug ta' tali Dikjarazzjonijiet tal-Kont tal-Persuna Registrata da parte tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud minn liema kjarament jirrizulta *balance to be refunded* lis-socjetà Rikorrenti, u anke l-fatt li rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi ddikjara li hemm kreditu a favur is-socjetà Rikorrenti, jikkostitwixxi *ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni* [fil-kaz in ezami r-rinunzja tal-preskrizzjoni già dekorsa] in kwantu kjarament jirrizultaw b'mod esterjorizzat ir-rekwiziti *tal-volontarjetà, tal-konsapevolezza* u *ta' l-inekwivocità, dejjem b'mod esterjorizzat.*

Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma huwiex gustifikat f'li jikkontendi li t-talba tas-socjetà Rikorrenti ghar-refuzjoni ta' taxxa hija preskritta bid-dekors ta' hames snin a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant tali ecezzjoni jehtieg li tigi michuda.

Fil-mertu d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), illum Kummissarju tat-Taxxi, jeccepixxi wkoll illi fi kwalunkwe kaz ebda kreditu ma huwa dovut lis-socjetà Rikorrenti stante li din qatt ma kellha attività ekonomika, kif jirrizulta mid-denunzji sottomessi minnha. Il-Kummissarju tat-Taxxi jibbaza tali eccezzjoni fuq il-konsiderazzjoni li *peress li l-kumpanija qatt ma iddikjarat l-ebda bejgh u ghaldaqstant ma hemmx attività ekonomika, mela allura r-*

[8] Fol. 41 tal-process.
[9] Fol. 26 tal-process.
[10] Anness mar-Rikors promotur.
[11] Fol. 40 tal-process.
[12] Fol. 57 u 58 tal-process.

*refuzjoni ma hijiex due*[13]. Fil-fehma tat-Tribunal però l-konsiderazzjoni u konsegwenti pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi hija guridikament zbaljata ghaliex: (i) hija bbazata fuq interpretazzjoni skorretta tal-kuncett ta' *attività ekonomika* kif stabbilit fl-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta; **u**, iktar fundamentali minn hekk, (ii) ma tiehux in konsiderazzjoni l-fatt li s-socjetà Rikorrenti hija *overseas company* li hija *branch* hawn Malta ta' socjetà estera sitwata Cipru.

A tenur ta' l-Artikolu 5(1) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta *"persuna taxxabbli" tfisser persuna li twettaq attività ekonomika ikun x'ikun ir-rizultat jew l-ghan ta' dik l-attività*[14] u a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi *bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) attività ekonomika tfisser attività gestita minn persuna, li ma tkunx impjegat li qed jagixxi bhala tali, u li tkun tikkonsisti f'wiehed jew izjed minn dan li gej: (a) xi negozju jew kummerc*[15]*; (b) xi professjoni jew vokazzjoni jew il-provvista ta' kull servizz persunali iehor; (c) l-esplojtazzjoni ta' proprjetà tangibbli jew li mhix tangibbli bil-ghan li jinkiseb qligh minnha tul medda ta' zmien kontinwu; (d) l-ghoti minn club, assocjazzjoni jew organizzazzjoni (ghax tithalls xi mizata jew jinghata xi korrispettiv iehor) tal-facilitajiet jew vantaggi disponibbli ghall-membri relattivi; (e) id-dhul, b'korrispettiv, ta' persuni f'kull fond.*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi huwa evidenti li kull persuna li tiggestixxi negozju jew kummerc (ghax din hija l-attività gestita mis-socjetà Rikorrenti *qua* branch tas-socjetà estera sitwata gewwa Cipru) irrispettivament mir-rizultat ta' dik l-attività – ossia tkunx ta' success o meno – u mill-ghan ta' tali attività – kwindi l-vejkolu maghzul ghall-ezercizzju ta' tali attività, ossia fil-kaz in ezami *branch* – **ghandha titqies bhala persuna li tiggestixxi attività ekonomika ghall-finijiet tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta** u li ghalhekk trid tirregistra bhala *taxpayer* taht l-istess imsemmi Att.

In kwantu rigwarda l-fatt li s-socjetà Rikorrenti ma ddikjarat l-ebda bejgh fid-Denunzji tat-Taxxa taghha ghalkemm fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-3 ta' Dicembru 2012[16], Salah Suleiman, Direttur tas-socjetà, iddikjara li *I run the operations in Malta which essentially create service, that is they render services for the mother company in Cyprus. The employees in Malta are myself, two secretaries and one driver. The direct contact with the clients is between the clients themselves and the mother company. The mother company then instructs us for the services required and we as an operation from Malta provide them. It is the mother company who collects the money from the clients and then the mother company pays us. Due to payments which are effected to the mother company to the company here in Malta, we need the service of an accountant, in fact our accountant is Joseph Sammut,* jigi osservat illi s-socjetà Rikorrenti in kwantu *branch* tas-socjetà estera sitwata Cipru ma ghandha l-ebda obbligu li

---

[13] Xhieda moghtija minn Roderick Sultana, in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) waqt is-seduta tat-8 ta' April 2013, fol. 57 u 58 tal-process.
[14] Sottolinear tat-Tribunal.
[15] Sottolinear tat-Tribunal.
[16] Fol. 54 tal-process.

tiggustifika l-fatturat taghha kif derivanti mit-transazzjonijiet bejnha u l-mother company peress illi *qua branch* ma hijiex legalment u ekonomikament indipendenti mill-mother company u kwindi l-provvista ta' servizzi bejniethom ma hijiex meqjusa bhala *supplies of services effected for consideration* u kwindi soggetta ghat-taxxa fuq il-valur mizjud.

Din l-osservazzjoni tat-Tribunal issib konferma fid-decizjoni **Ministero dell'Economia e delle Finanze, Agenzia delle Entrate v. FCE Bank p.l.c.** deciza mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropeja fit-23 ta' Marzu 2006. Fl-imsemmija decizjoni, ibbazata a sua volta fuq l-Opinjoni ta' l-Advocate General Léger moghtija fid-29 ta' Settembru 2005, in risposta ghar-referenza preliminari li saritilha: *must Articles 2(1) and 9(1) of the Sixth Directive be interpreted as meaning that the branch of a company established in another State (belonging to the European Union or otherwise), which has the characteristics of a production unit, may be regarded as an independent person and thus that a legal relationship between the entities can be said to exist with consequent liability for VAT in relation to supplies of services effected by the parent company*[17]*? Can the "arm's length" standard laid down in Article 7(2) and (3) of the OECD Model Convention on double taxation and the Convention of 21 October 1988 between Italy and the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland be used to define that relationship? Can a legal relationship be said to exist where there is a cost-sharing agreement concerning the supply of services to the subordinate entity? If so, what conditions must be satisfied for such relationship to be considered to exist? Must the notion of legal relationship be dealt with under national law or Community law?* il-Qorti kkonkludiet illi: *Articles 2(1) and 9(1) of Sixth Council Directive 77/388/EEC of 17 May 1977 on the harmonisation of the laws of the Member States relating to turnover taxes – Common system of value added tax: uniform basis of assessment, must be interpreted as meaning that a fixed establishment, which is not a legal entity distinct from the company of which it forms part, established in another Member State and to which the company supplies services, should not be treated as a taxable person by reason of the costs imputed to it in respect of those supplies*[18].

Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzzjoni in bazi ghas-segwenti konsiderazzjonijiet: *it should be noted that Article 2(1) of the Sixth Directive states that supplies of services effected for consideration within the territory of the country by a taxable person acting as such are subject to VAT. Second, Article 4 of the Sixth Directive defines 'taxable person' as any person who 'independently' carries out an economic activity. Article 4(4) thereof states that the word 'independently' excludes from the tax persons bound to an employer by a contract of employment or by any other legal ties creating the relationship of employer and employee as regards working conditions, remuneration and the employer's liability (see Joined Cases C-78/02 to C-80/02 Karageorgou and Others [2003] ECR I-13295, paragraph 35). In that regard, according to the case-law of the*

[17] Sottolinear tat-Tribunal in kwantu l-iktar parti tar-referenza preliminari pertinenti ghall-kaz odjern.
[18] Sottolinear tat-Tribunal.

*Court, a provision of services is taxable only if there exists between the service provider and the recipient a legal relationship in which there is a reciprocal performance (see Case C-16/93 Tolsma [1994] ECR I-743, paragraph 14, and Case C-174/00 Kennemer Golf [2002] ECR I-3293, paragraph 39). To establish whether such a legal relationship exists between a non-resident company and one of its branches so that the supplies made may be subject to VAT, it is necessary to determine whether FCE IT carries out an independent economic activity. It is necessary in that regard to determine whether a branch such as FCE IT may be regarded as being an independent bank, in particular in that it bears the economic risk arising from its business. As Advocate General Léger noted in point 46 of his Opinion, the branch does not itself bear the economic risks associated with carrying on the business of a credit institution, such as, for example, a customer defaulting on the repayment of a loan. The bank, as a legal person, bears that risk and is therefore the subject of supervision of its financial strength and solvency in the Member State of origin. As a branch, FCE IT does not have any endowment capital. Consequently, the risk associated with the economic activity lies wholly with the FCE Bank. Consequently, FCE IT is dependent upon that company and, with it, constitutes a single taxable person. That finding is not undermined by Article 9(1) of the Sixth Directive. That provision concerns the determination of the taxable person in transactions between a branch and third parties. It is therefore irrelevant for the purposes of the present case which concerns transactions between a company resident in a Member State and one of its branches established in another Member State. It should be noted that the OECD Convention is irrelevant since it concerns direct taxation whereas VAT is an indirect tax. Lastly, any agreement on the sharing of costs is also irrelevant for present purposes since such an agreement was not negotiated between independent parties. In the light of the foregoing, the answer to the first question must be that Articles 2(1) and 9(1) of the Sixth Directive are to be interpreted as meaning that a fixed establishment, which is not a legal entity distinct from the company of which it forms part, established in another Member State and to which the company supplies services, should not be treated as a taxable person by reason of the costs imputed to it in respect of those supplies.*

Stabbilit li s-socjetà Rikorrenti effettivament tiggestixxi attività ekonomika ghall-finijiet ta' l-Artikolu 5 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ghad illi ma tiddikjarax bejgh fid-Denunzji tat-Taxxa taghha, jehtieg issa jigi determinat jekk in-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' Output Tax jimpingix b'xi mod fuq id-dritt taghha li titlob refuzjoni ta' Input Tax minnha inkorsa matul perijodu/perijodi ta' taxxa partikolari.

Fir-rigward jigi osservat li ghalkemm b'mod generali l-Input Tax reklamata minn persuna registratata taht l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud f'perijodu/perijodi ta' taxxa partikolari jigi pacut ma' l-Output Tax minnha dikjarata f'dak l-istess perijodu, id-dikjarazzjoni/ezistenza effettiva ta' Output Tax f'perijodu/perijodi ta' taxxa partikolari ma hijiex rekwizit *sine qua non* ghad-dritt ta' refuzjoni ta' Input Tax reklamat f'dak l-istess perijodu/perijodu. Fi ftit kliem biex persuna registrata mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ikollha dritt ghar-refuzjoni ta' Input Tax, din ma ghandhiex bil-fors u per forza tkun

iddikjarat f'dak l-istess perijodu/perijodi ta' taxxa meta tigi reklamata l-Input Tax, Output Tax.

Din l-osservazzjoni ssib konferma fid-decizjonijiet kongunti tal-Qorti tal-Gustizzja Ewropeja fl-ismijiet **Beteiligungsgesellschaft Larentia & Minerva mbH & Co. KG v. Finanzamt Nordenham (C-108/14)** u **Finanzamt Hamburg-Mitte v. Marenave Schiffahrts AC (C-109/14)** entrambe decizi fis-16 ta' Lulju 2015, fejn appuntu l-Qorti osservat illi: *for VAT to be deductible, the input transactions must have a direct and immediate link with the output transactions giving rise to a right of deduction. Thus, the right to deduct VAT charged on the acquisition of input goods or services presupposes that the expenditure incurred in acquiring them was a component of the cost of the output transactions that gave rise to the right to deduct (see, in particular, judgments in Cibo Participations, C16/00, EU:C:2001:495 paragraph 31, and Portugal Telecom, C496/11, EU:C:2012:557, paragraph 36). However, a taxable person also has a right to deduct even where there is no direct and immediate link between a particular input transaction and an output transaction or transactions giving rise to the right to deduct, where the costs of the services in question are part of his general costs and are, as such, components of the price of the goods or services which he supplies. Such costs do have a direct and immediate link with the taxable person's economic activity as a whole (see, inter alia, judgments in Cibo Participations, C16/00, EU:C:2001:495, paragraph 33, and Portugal Telecom, C496/11, EU:C:2012:557, paragraph 37).*

L-element centrali u determinanti ghalhekk ghad-dritt ta' refuzjoni ta' Input Tax huwa iktar dak stipulat fl-Artikolu 22(2) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta – ossia li *l-input tax ta' persuna taxxabbli hija t-taxxa li jkollha tithallas fuq – (a) provvista maghmlua lilha; (b) akkwisti maghmula minnha, u (c) importazzjoni maghmula minnha, sal-limitu li l-provvisti hekk maghmula u l-oggetti hekk akkwistati jew importati* ***jintuzaw jew ikunu mahsuba li jintuzaw kollha kemm huma fil-kors jew avvanza ta' l-attività ekonomika taghha***[19] – milli d-dikjarazzjoni ta' Output Tax waqt l-istess perijodu/perijodi ta' taxxa.

Fir-rigward jigi osservat, u dan kif jirrizulta mix-xhieda ta' Joseph Sammut moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Dicembru 2012[20], liema xhieda ma gietx kontradetta mill-Kummissarju tat-Taxxi, li fil-kaz in ezami ma jidhirx – partikolarment una volta li jinsab stabbilit li s-socjetà Rikorrenti effettivament tiggestixxi attività ekonomika ghall-finijiet ta' l-Artikolu 5 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta – illi hemm dubju, anke da parte tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, li l-Input Tax reklamata mis-socjetà Rikorrenti fid-Denunzji tat-Taxxa taghha sottomestti fil-15/07/2001, 15/10/2001, 15/01/2002, 15/04/2002, 15/07/2002, 15/11/2002, 15/01/2003, 15/04/03, 15/07/2003, 15/10/2003, 15/04/2004, 15/11/2004 kienet relattiva ghal akkwisti maghmula minnha intizi li jintuzaw fil-kors ta' l-attività ekonomika taghha.

[19] Enfasi tat-Tribunal.
[20] Fol. 50 sa' 53 tal-process.

Ghaldaqstant jsegwi li s-socjetà Rikorrenti hija effettivament intitolata ghar-refuzjoni tal-kreditu minnha reklamat, liema kreditu b'ammissjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi jammont ghal €26,583.25, u b'hekk tali ammont komplessiv ghandu jigi lilha mhallas mill-Kummissarju tat-Taxxi.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad kemm l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-eccezzjoni fil-mertu sollevati mill-Kummissarju tat-Taxxi, jilqa' t-talba tas-socjetà Rikorrenti u jiddikjara li l-imsemmija socjetà Rikorrenti hija intitolata ghar-refuzjoni tal-kreditu fl-ammont komplessiv ta' €26,583.25 u tali ammont ghalhekk ghandu jigi mhallas lilha mill-Kummissarju tat-Taxxi.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-Kummissarju tat-Taxxi.

A tenur ta' l-Artikolu 5(3) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din id-decizjoni tigi notifikata lis-socjetà Rikorrenti u lill-Kummissarju tat-Taxxi.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**